MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 238/2004

Joseph Boldarini u Frances Cutajar
vs
Mary Mallia, Tancred Boldarini u Suor Antoinette Boldarini

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi Enrico Boldarini u martu Mary nee Vella, il-genituri tal-atturi w tal-konvenuti kienu ddisponew mill-eredita` taghhom f'testment "unica charta" fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt datat 28 ta' April 1979 – Dok B1.

Illi sussegwentement Enrico Boldarini kien irrevoka dan it-testment ghal dak li jirrigwarda s-successjoni tieghu u ghamel testment iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt datat 4 ta' Dicembru 2002 – Dok B2.

Illi Mary Boldarini mietet fis-16 ta’ April 1999 waqt li zewgha Enrico Boldarini miet fit-22 ta’ Marzu 2003.

Illi fit-testment “unica charta” tat-28 ta’ April, il-genituri tal-partijiet waqt li ezentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni istitwew bhala werrieta universali taghhom fi kwinta parti kull wiehed lill-erba’ uliedhom Joseph, Tancred, Mary Mallia u Frances Cutajar, bid-dritt ta’ l-akkrexximent bejniethom waqt li lil binthom Suor Antoniette Boldarini hallewlha l-kwinta parti taghha b’titolu ta’ usufrutt.  Din il-kwinta parti kellha tkun kostitwita biss minn flus jew titoli rappresentanti flus.

Illi fit-testment ta’ Enrico Boldarini datat 4 ta’ Dicembru 2002, gie revokat u mhassar it-testment “unica charta” datat 28 ta’ April 1979, ghal dak li jirrigwarda s-successjoni tieghu, u istitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-hames uliedu l-partijiet, fi kwoti ugwali bejniethom.

Illi wara l-mewt ta’ ommhom Mary Boldarini kienet saret divizjoni arbitrarja minn Mary Mallia ta’ xi oggetti tad-deheb u Suor Antoinette Boldarini kienet ippartecipat f’din id-divizjoni ghalkemm skond it-testment ma kellhiex dritt li taghmel dan, u din id-divizjoni arbitrarja saret anke fir-rigward ta’ parti mill-flus li kien hemm.

Illi ghalhekk kien hemm bzonn li ssir divizjoni tal-ereditajiet skond it-testment “unica charta” datat 28 ta’ April 1979 ghal dak li jirrigwarda s-successjoni ta’ l-omm Mary, u skond it-testment ta’ Enrico Boldarini datat 4 ta’ Dicembru 2002 ghas-successjoni tieghu.

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi anki permezz ta’ protest datat 23 ta’ Jannar 2004 – Dok B3 – il-konvenuti ma kienux iridu jersqu ghad-divisjoni tal-ereditajiet tal-genituri.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tordna li ssir ir-restituzzjoni fil-massa ereditarja ta’ kull ma hadu arbitrarjament il-partijiet wara l-mewt ta’ ommhom

2. Tordna li ssir id-divizjoni tal-eredita` ta’ Mary Boldarini, billi jigi diviz l-attiv tas-successjoni taghha f’erba’ partijiet f’assoluta proprjeta lil Joseph Boldarini, Frances Cutajar, Tancred Boldarini u Mary Mallia u l-hames parti b’titolu ta’ usufrutt u konsistenti fi flus biss lil Suor Antoinette Boldarini; u

3. Tordna li ssir id-divizjoni tal-eredita` ta’ Enrico Boldarini, billi jigi diviz l-attiv tas-successjoni tieghu f’hames partijiet ugwali f’assoluta proprjeta lil Joseph Boldarini, Frances Cutajar, Tancred Boldarini, Mary Mallia u Suor Antoinette Boldarini, u li jekk ikun hemm bzonn tordna ghal dan l-iskop periti nominandi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Mallia li biha eccepiet:

1. Illi hija qatt ma opponiet u dejjem insistiet illi d-divizjoni ta’ l-eredita` tal-genituri taghha ssir skond ix-xewqa taghhom u dan kif regolat fit-testment tat-28 t’ April, 1979 u ta’ l-4 ta’ Dicembru, 2002. Kienu l-atturi li kienu qeghdin ifettqu biex jostakolaw id-divizjoni li qeghdin jitolbu.

2. Illi assolutament mhux minnu li l-konvenuta ma riditx tersaq ghad-divizjoni ta’ l-ereditajiet tal-genituri taghha u dan kif kien jirrizulta mill-korrispondenza skambjata kif ukoll mill-kontro protest taghha u tal-konvenuti l-ohra tal-20 ta’ Frar 2004 (Dok. M1) li l-atturi konvenjentement naqsu li jipprezentaw mal-lista ta’ Dokumenti esebiti minnhom.

3. Illi ma kienx minnu li l-konvenuti arbitrarjament hadu xi oggetti wara l-mewt ta’ ommhon ghaliex dawn tqassmu fil-prezenza ta’ missierhom u bil-kuntentizza ta’ kulhadd. Ghalhekk l-ewwel talba ta’ l-atturi ma kellhiex tigi milqugha.

4. Il-kawza giet prezentata biex tkabbar l-ispejjez. L-atteggjament ta’ l-atturi u l-fatt li l-kawza giet prezentata gheluq is-sena mill-mewt ta’ missierhom juri bic-car l-intenzjoni ta’ l-atturi. Ghaldaqstant kellhom ikunu huma li jbatu l-ispejjez kollha tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta’ <u>Joseph Boldarini.</u> Gie prezentat affidavit ta’ <u>Joseph Boldarini</u> fejn issemma li b’din id-dikjarazzjoni xtaq juri kif minn meta mietet ommu, hu u ohtu Frances dejjem riedu jaghmlu l-affarijiet kif suppost u kif hutu Mary, Tancred u Suor Antoinette dawru l-affarijiet favur taghhom. Hu u ohtu Frances kienu jiehdu hsieb ommhom. Izda meta mietet ommu, Mary, Tancred u Suor Antoinette ippruvaw iwarrbuhom minghand missierhom. Hu kien jaf li kien hemm xi flus id-dar u ghalhekk kien beda jinkwieta u ghalhekk cempel lil Charles Mizzi kugin tieghu biex jaghtih parir fuq dak li kellu jaghmel. Ghalhekk hu kien mar ma’ missieru ghand Charles Mizzi li tah il-parir li l-ahjar haga kienet tkun li jaqbdu nutar biex issir id-divizjoni, u missieru kien qabel li jsir hekk. Meta missieru kien rega’ lura d-dar u qal lil Suor Antoinette li kien se

jqabbad nutar, jidher li ma qablitx ma dan kollu ghaliex missieru kien cempillu u lil ohtu Frances u qalilhom li ma kienx se jqabbad nutar ghaliex lil Suor Antoinette ma kienx jaqblilha. Semma kif Suor Antoinette bdiet iggib il-flus mill-kamra tas-sodda u hu u huh Tancred bdew jghoddu l-flus fil-prezenza ta’ missierhom, ohtu Frances u ohtu Mary u b’kollox kienu ghoddew Lm16,000. Missieru kien qalilhom li nofs dak l-ammont kellu jigi diviz bejniethom. B’hekk kull wiehed minnhom inkluza Suor Antoinette hadu Lm1,600, anke jekk hi kellha biss dritt ta’ usufrutt fuq dawn il-flus. Kien hemm ukoll xi oggetti tad-deheb, u kull wiehed minnhom ha xi haga. Ried jinnota wkoll li anke Suor Antoinette hadet gizirana tad-deheb, anke jekk suppost skond it-testment unica charta ta’ommu ma’ kellhiex dritt ghal dan. Kif lestew minn din id-divizjoni parzjali u arbitrarja, hu missieru u huh Tancred ftehmu li kellhom jiltaqghu biex jmorru jqeghdu l-flus ta’ missieru l-Bank. L-ghada meta marru d-dar ta’ missieru, missieru hareg mill-kamra tas-sodda b’pakkett u huh Tancred qal li ried jara x’pakkett gab missieru u meta fetah il-pakkett kien sab li ma kienx dak li kien fih Lm8000 li kienu qasmu l-gurnata ta’ qabel izda kien pakkett iehor li kien fih Lm2800. Huh Tancred, ohtu Mary u Suor Boldarini kienu jafu li kien hemm aktar flus milli fil-fatt kienu qasmu l-gurnata ta’ qabel u ghalhekk qal lil missieru biex jara x’kien fih dak il-pakkett. Missieru mar lura fil-kamra u rritorna bil-pakkett li kien fih Lm8000 u meta staqsewh fejn kien dan il-pakkett kien irrispondih li kien hdejn il-flus l’iehor u hekk fehem li l-gurnata ta’ qabel ma kienux qasmu kollox. Zied li missieru u ommu kellhom ukoll xi flus l-Ingilterra, madwar £6000 u dawn baghtu ghalihom u ddepozitawhom il-Bank fuq missierhom. B’hekk huwa car li d-divizjoni li kienet saret ma kenitx wahda kompleta u legittima ghaliex ma kienux gew mqassma l-flus kollha.

Wara l-mewt ta’ missieru, huma l-ahwa kienu ltaqghu ghand in-Nutar Anthony Gatt sabiex issir id-divizjoni tal-eredita`. Minghajr ma sar il-qari tat-testment, in-Nutar infurmahom li s-Soru kienet lesta li terga’ lura dak li kienet hadet. Din il-laqgha kellha tieqaf ghaliex hutu ma kkoperawx sabiex kollox ssir skond it-testmenti.

Xehed Joseph Boldarini fejn qal illi diversi drabi prova jirranga bil-kelma t-tajba. Kien hemm minn tan-naha l-ohra min ma riedx jimxi mat-testment, senjatament ohtu s-soru. Dwar il-lista ta' affarijiet u specifikament l-ghodda li kien hemm qal li l-ghodda ma kenitx ta' missieru izda tieghu ghax hu mastrudaxxa kif ukoll kien missieru. Qal li din il-makna tal-mastrudaxxa kienet mixtrija meta hu kellu xi 18-il sena u xtrajwha bin-nofs hu u missieru. Illum il-gurnata din il-makna tiswa kollox xi Lm30 u din il-magna kienet qeghda ghandu. Missieru kellu ***workshop*** id-dar u kien ha l-ghodda tieghu hemmhekk.

Rat l-affidavit ta' Frances Cutajar fejn issemma illi l-ewwel kwistjoni li nqalghet kienet dwar ic-cavetta. Xehdet Frances Cutajar u mistoqsija dwar l-affarijiet mobbli u jekk hemmx lista ta' dawn l-affarijiet kif ukoll tad-denunzja tas-successjoni, hija dikjarazzjoni tal-kawza mortis. Kienet taf li f'okkazzjoni minnhom il-mama` lilha kienet tatha, ghajtitlha u qaltlilha "ha dan l-arlogg", qaltilha "le ma". Darba minnhom marret filghodu bhas-soltu tatha l-arlogg u mbaghad gabitlha qishom lewlu li l-anqas ridithom hi, qaltlilha dawwimhom, u hi qaltilha "le ma m'ghandiex cans ghal dawn l-affarijiet" u mbaghad hadithomlha, go kaxxa qeghdin setghet iggibhom u din il-labra zghira u msielet u qishom caghaq, qaltlilha ghatihom lit-tfal biex jaghmlu xi ***frame*** dakinhar. Ikkonfermat ukoll li missierha kien tahom Lm1600. Deheb aktar ma fadalx. Hi l-ilment principali taghha huwa bazat fuq il-fatt li ohtha s-soru hadet il-gizirana tad-deheb li mhux suppost hadet kif ukoll l-Lm1600 li mhux suppost hadet. Il-gizirana li semmiet kienet nofs bin-nofs tal-missier u tal-omm. Dwar il-gizirana qalet li bhala valur hi fid-deheb ma kienetx tifhem pero` mistoqsija mill-Qorti biex tghati figura biex ikollha ideja qalet Lm100. Jigifieri dan ifisser li qed toggezzjona ghal 1/5 tal-valur tal-Lm100 u li kienet taf ukoll li l-gizirana kienet suggetta ghall-uzufrutt.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Mary Mallia fejn qalet illi hija kienet taqbel ma' l-ewwel erba' paragrafi tad-dikjarazzjoni ta' l-atturi. Illi assolutament ma kienx minnu li saret divizjoni arbitrarja minn Mary Mallia wara l-mewt ta' ommha ta' xi oggetti tad-deheb. Dak li effettivament gara kien illi skond

ix-xewqa u l-prezenza ta’ missier il-kontendenti, l-oggetti tad-deheb tpoggew fuq mejda u l-kontendenti, hlief ghal Suor Antoinette Boldarini ghazlu u hadu l-oggetti li xtaqu. Suor Antoinette Boldarini ma kenitx hadet sehem fid-divizjoni u giet moghtija gizirana minn missierha qabel il-qasma. Din il-gizirana tiswa cirka Lm100 u kienet tifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Rat l-affidavit ta’ Mary Mallia fejn issemma li hi qrat l-affidavit ta’ huha Tancred Boldarini u kkonfermat il-kontenut tieghu. Tiftakar li huha Joe Boldarini dak il-hin kien qal il-flus naqsmuhom f’erba’ u mhux f’hamsa. Izda missierhom kien qal li hamsa ghandu ulied u ghalhekk il-flus kellhom jinqasmu bejn hamsa kif fil-fatt gara. Wara missierhom ried li jaqsmu d-deheb halli “isserhuli mohhi”.

Rat l-affidavit ta’ Tancred Boldarini fejn qal illi hu kien qara d-dikjarazzjoni ta’ ohtu u kkonferma l-kontenut taghha. Missieru ried iqassam il-flus kollha li kien hemm jigifieri is-Lm16,000 bejniethom l-ahwa kollha. Huma l-ahwa ma riedux li jqassamhomlhom anzi qalulu biex jaghmilhom il-bank. Missierhom ma riedx u nsista li jiehdu il-flus. Fl-ahhar ftehmu li jaghtihom nofshom u in-nofs l-iehor ipogihom il-bank. Fil-prezenza ta’ missieru u ta’ hutu kollha hu qasam is-somma ta’ Lm8,000 f’hames partijiet ghax huma qieghdin hames ahwa. B’hekk gew Lm1,600 kull wiehed. Wara li tqassmu l-flus, missieru kien ghamel sinjal lil-ohtu s-soru (il-konvenuta Antoinette Boldarini) biex iggib il-ftit deheb li kien hemm. Dawn dehru li riedu l-qasma tad-deheb issir dak il-hin. Missieru ghamlilhom sinjal biex ikomplu. Id-deheb kien mifrux fuq il-mejda u saru zewg ***rounds***. Kullhadd ghazel hu u ha min fuq il-mejda dak li ried. Dak il-hin missieru kien kuntent ghax ix-xewqa tieghu saret u hadd ma oggezzjona wara l-qasma anzi kullhadd gabar l-affarijiet li ghazel u ilkoll haduhom maghhom. F’din il-qasma, ohtu s-soru ma haditx sehem ghax missieru qabel, kien ta’ gizirana. Din il-gizirana kienet nofsha t’ommu u nofsa ta’ missieru. Xi granet wara li saret din id-divizjoni tal-flus u tad-deheb, hu u huh Joe marru ghand missierhom l-Isla biex flimkien mieghu jmorru il-bank BOV halli jpoghu il-flus li kien baqa’ il bank kif ftehmu. Hekk kif kienu d-dar ta’ missierhom, dan gab

il-flus jigifieri Lm8,000 u pakkett iehor li kien fih Lm2,000 li ma kienx jaf bihom. B'hekk il-bank missieru pogga Lm10,000 dik in-nhar. Xi granet wara, huh Joe, ftehim ma' kullhadd irranga biex missieru igib il-flus li kellhom l-Ingilterra igibhom Malta. Dawn kienu madwar Lm3,000. Dawn il-flus tpoggew il-bank BOV ukoll.

Gie prezentat affidavit ta' Sr. Antoinette Boldarini fejn issemma li hi kienet qrat id-dikjarazzjoni ta' ohtha Mary Mallia li tinsab annessa man-nota tal-eccezzjonijiet u l-affidavit ta' huha Tancred Boldarini u kkonfermat il-kontenut taghhom. Semmiet li waqt li kienu qeghdin jaqsmu d-deheb hi ma haditx sehem. Ftit granet wara li mietet ommha, missierha kien taghha gizirana tad-deheb. Meta saret il-qasma tad-deheb u l-flus hi ma kienetx presenti.

Xehdet Suor Boldarini fejn semmiet li hi tiftakar li kienet prezenti meta ppruvaw jaghmlu l-qasma. Ma kenitx taf x'kien fih it-testment tal-genituri. Kienet taf dak in-nhar li kienet ser issir il-qasma, li kienu ha jippruvaw jaqsmu il-flus u d-deheb. Hi ma kienet hadet xejn f'dik il-qasma. Qalet li deheb ma haditx imma flus kienet hadet. Bhala flus kienet hadt xi elf u sitt mitt lira (Lm1,600), fis-sens li kulhadd ha l-elf u sitt mitt lira (Lm1,600). Xtaqet tispjega li fil-fatt flus hadu lkoll indaqs waqt li deheb hi ma haditx, hi ma kientx taf x'jghid it-testment.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi f'din il-kawza inghad li Enrico Boldarini u martu Mary nee` Vella l-genituri tal-kontendenti ddisponew mill-eredita` taghhom f'testment "***unica charta***" fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt datat 28 ta' April 1979 u in segwitu Enrico Boldarini kien irrevoka dan it-testment ghal dak li jirrigwarda s-successjoni tieghu u ghamel testment iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt datat 4 ta' Dicembru 2002. It-tnejn mietu. Jinghad li fit-testment ***unica charta*** tat-28 ta' April, il-genituri tal-partijiet waqt li ezentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni istitwew bhala werrieta universali taghhom fi kwinta parti kull wiehed lill-erba' uliedhom Joseph, Tancred, Mary Mallia u Frances Cutajar, bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom

waqt li lil binthom Suor Antoniette Boldarini hallewlha l-kwinta parti taghha b'titolu ta' usufrutt. Din il-kwinta parti kellha tkun kostitwita biss minn flus jew titoli rappresentanti flus. Fit-testment ta' Enrico Boldarini datat 4 ta' Dicembru 2002, gie revokat u mhassar it-testment ***unica charta*** datat 28 ta' April 1979, ghal dak li jirrigwarda s-successjoni tieghu, u istitwixxa bhala eredi universali tieghu lil hames uliedu l-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom. Wara l-mewt ta' ommhom Mary Boldarini kienet saret divizjoni arbitrarja.

L-atturi talbu li l-Qorti tordna li ssir ir-restituzzjoni fil-massa ereditarja ta' kull ma hadu arbitrarjament il-partijiet wara l-mewt ta' ommhom, u li ssir id-divizjoni tal-eredita` ta' Mary Boldarini, u ta' Enrico Boldarini.

Il-konvenuti sostnew li ma opponewx id-divizjoni u ziedu li kienu l-atturi li kienu qeghdin ifettqu biex jostakolaw id-divizjoni li qeghdin jitolbu. Inghad li mhux minnu li l-konvenuti arbitrarjament hadu xi oggetti wara l-mewt ta' ommhon ghaliex dawn tqassmu fil-prezenza ta' missierhom u bil-kuntentizza ta' kulhadd.

L-atturi sostnew li huma riedu divizjoni skond il-volonta` tal-genituri taghhom u li l-kawza giet intavolata minhabba li d-disposizzjonijiet testamentarji ma gewx segwiti u ghamlu emfasi fuq il-fatt li fit-testment ***unica charta*** kien hemm biss l-uzufrutt favur binthom Sour Antoinette u dan fi flus.

Ukoll l-atturi sostnew li d-divizjoni tal-mobbli ma saritx kif suppost – haga kontestata mill-konvenuti. F'dan ir-rigward il-Qorti thoss li ma hemm xejn li rrenda dik id-divizjoni ta' mobbli illegali u irregolari hlief ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel dwar il-flus. L-atturi sostnew li d-divizjoni tal-mobbli kellha ssir fil-prezenza tan-Nutar izda dan ma rrizultax b'mod konkluziv quddiem il-Qorti. Strettament huwa veru li s-Soru kellha tiehu sehemha fi flus izda meta saret il-qasma tad-deheb ma kienx qieghed jigi kunsidrat sehemha f'uzufrutt. Inghad li nghatat gizirana tad-deheb [li din tiswa mal-mitt lira kollox skond xhieda u li skond stima ta' Ray's Jewellery Limited tal-31

ta’ Mejju 2005 – Dok MM1 il-valur huwa ta’ Lm58.50, u liema gizirana kienet nofs bin-nofs tal-missier u tal-omm]. Zgur li l-uzufrutt tal-kwint tal-mobbli jissupera l-valur tal-gizirana. Issemmew diversi oggetti ohra bhal-lanca u l-ghodda [ara wkoll dawk elenkati fin-nota tad-29 ta’ Awissu 2005] izda fil-fehma tal-Qorti l-entita` taghhom hija zghira u saret fi zmien bil-qbil u li sostanzjalment saret divizjoni ekwa.

L-aspett tal-flus huwa totalment differenti. Suor Antoinette inghatat LM1600 [1/5 ta’ ½ ta’ LM16000]. Dan hu ammess mill-istess Suor Boldarini. Fil-fatt dwar is-sehem li gie mill-eredita` ta’ l-omm skond it-testment “unica charta” tat-28 ta’ April, il-genituri tal-partijiet waqt li ezentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni istitwew bhala werrieta universali taghhom fi kwinta parti kull wiehed lill-erba’ uliedhom Joseph, Tancred, Mary Mallia u Frances Cutajar, bid-dritt ta’ l-akkrexximent bejniethom waqt li lil binthom Suor Antoinette Boldarini hallewlha l-kwinta parti taghha b’titolu ta’ usufrutt. Din il-kwinta parti kellha tkun kostitwita biss minn flus jew titoli rappresentanti flus.

Kien irrizulta wkoll li kien hemm izjed flus minn dawk is-Lm16,000. Infatti jidher li kien hemm xi Lm2000 sa Lm2800 flus Maltin ohra kif ukoll xi Lm3000 valur ta’ flus Maltin izda li kienu depozitati barra minn Malta. Dan iwassal ghall-fatt li s-sehem f’uzufrutt tas-soru kellu jkun akbar ghax jekk jizdiedu l-Lm5000 l-ohra fuq imsemmija nofs kienu jappartjenu lill-omm u nofs lill-missier b’dan li l-kwinta parti tal-eredita` tal-omm tikkonsisti f’Lm500 ohra. Dwar l-eredita` tal-missier Suor Boldarini ghandha dritt tippartecipa ugwalment ma’ kullhadd. L-akkuza tal-atturi li Suor Boldarini kienet ikkonvinciet lil missierha biex ibiddel it-testment hija irrilevanti ghall-kaz in ezami minhabba li jekk riedu l-atturi setghu istitwew il-proceduri opportuni ghall-impunjazzjoni tat-testment.

Il-Qorti ma tistax hlief tesprimi d-dizappunt qawwi taghha ghall-mod kif il-kontendenti qaghdu jfettqu fuq ammonti zaghar (hlief ghall-ammont ta’ Lm1600 msemmi) u

naturalment trid tqis dan anke ghall-iskop tal-kap tal-ispejjez.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm iz-zewg nahat jghidu li ma opponewx id-divizjoni fil-fatt ma kienx hemm qbil dwarha u dan b'referenza kemm ghall-ewwel eccezzjoni kif ukoll ghat-talba attrici. Meta l-Qorti tqis ic-cirkostanzi kollha tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u t-talbiet tal-atturi tiddikjara li mhix qed tilqa' t-talba tal-atturi li ssir restituzzjoni fil-massa ereditarja ta' kull ma hadu l-partijiet izda biss tilqa' t-talba limitatament ghall-fatt li Suor Boldarini ghandha tiddepozita l-flus (Lm1600) f'wiehed mill-banek lokali b'mod li jkollha l-uzufrutt ta' dan id-depozitu.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez kwint kull wiehed bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------